# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 416/97**

**Numru 25**

**Micallef Insurance Agency Ltd, bhal agent tas-socjeta assiguratrici estera Independent Insurance Company Ltd, kif surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Pierre Camilleri**

**vs**

**John Vella**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm435) jew somma ohra verjuri in linea ta' danni mill-konvenut kagunati fil-vettura A-9900 tal-assikurat tas-socjeta' attrici nhar 14 u b'digriet tat-13 ta' Frar 1998 iz-zewg numri 14 gew imhassra u mibdula 16 ta' April 1996 f'St. Julians meta kien qed issuq vettura H-7152 u b'digriet tat-13 ta' April 1998 erba' numri gew imhassra u mibdula

b'7198 ghal liema kollizzjoni l-konvenut unikament responsabbli stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u ghal liema danni s-socjeta' attrici kellha taghmel fronti in vista' ta' polza ta' assikurazzjoni "comprehensive" u liema tinsab surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi, prevja d-dikjarazzjoni tar-responsabbilta' ghall-istess.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-konsulti (Lm10), tal-ittra ufficjali datata Frar, 1997, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut li biha (a fol 2 ibid) eccepixxa:

1. Illi l-konvenut John Vella, la huwa l-propjetarju u lanqas kien is-sewwieq tal-vettura H-7152, imsemmija fl-avviz.

2. Illi l-konvenut kuntrarju ghal dak allegat fl-atti tal-avviz, ma kien involut fl-ebda incident stradali fl-14 ta' April 1996.

3. Illi qabel ma rcieva l-imsemmi avviz, l-konvenut qatt ma gie nterpellat mill-atturi, sabiex jghamel tajjeb ghal xi hsarat.

4. Illi in subsidju u bla pregudizzju ghas-suespsot, f'kaz li jigu michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet, u jsiru xi korrezzjonjiet li jista' jitlob l-attur nomine, t-talbiet attrici, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fl-avviz, izda gara tort unikament tal-assigurat tas-socjeta attrici li kontra tieghu qed jinzammu fermi d-drittijiet tal-esponenti ghar-risarciment tad-danni minnu kkawzati.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digrieti taghha moghtija fit-13 ta' Frar 1998 b'referenza ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet (Fol 21 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi n-noti rispettivi tal-partijiet (minn fol 59 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi PS 1492 Joseph Pace (fol 15 u 31 et seq ibid) li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz relattivi (fol 17 u 34 tal-atti) specifika illi l-vettura misjuqa mill-konvenut u li kellha n-numri ta' registrazzjoni H-7158

kienet tiela’ kontra l-”one way” ossija kontra d-direzzjoni tat-traffiku ghal dik il-lokalita. Testwalment l-istess fizzjal tal-pulizija xehed “Filfatt wiehed li kien jinzel mid-direzzjoni tal-Axis kien isib tabella blu bi vlegga sabiex jmur fuq (sic) lejn ix-xellug cioe fid-direzzjoni tal-Bajja ta’ San Gorg u mhux fid-direzzjoni tad-Dragonara”. Inoltre “dwar it-tabella tan-”no entry” li kienet vicin il-bajja. Hawnhekk ma kienx hemm din it-tabella peress illi aktarx kienet inqalghet”.

Illi l-istess xhud waqt li kien qed jixhed intwera r-ritratti esebiti mill-konvenut a fol 35 tal-atti u b’referenza ghas-sinjal li ssemma bi vlegga fuqu , hu qal li dan ma kienx jidher fuq l-istess ritratti. Pero, hu sahaq “.... illi meta gara l-incident u kont mort fuq il-post rajt dan is-sinjal bi vlegga li tindika li karozza gejja mid-direzzjoni (tad-diskoteka msemmija) setghet biss tinzel fid-direzzjoni tal-Bajja ta’ San Gorg”. In rigward dan il-punt hu irrefera, ukoll, ghall-iskizz, esebit minnu (Fol 34) li fuqu hemm indikati b’mod skalat, il-posizzjoni tal-vetturi involuti wara l-istess incident kif ukoll id-direzzjoni li biha kienu qed jinsaqu qabel l-incident u l-kliem “one way” vicin il-vettura misjuqa mill-konvenut.

Illi l-assikurat tas-socjeta attrici, Pierre Camilleri xehed (a fol 46 et seq ibid) li kien qed jsuq il-vettura tieghu bin-numru AAV 946 mill-unika triq li taghti mill-lukanda “Westin Dragonara sal-Lukanda San George Corinthia” liema triq kienet “a senso unico”. Hawnhekk il-vettura

misjuqa mill-konvenut "giet kontra tieghu allura kontra l-'one way' " waqt li hu kien sejjer fid-direzzjoni tal-ahhar lukanda imsemmija. Meta grad il-habta, hu kien wasal f'kisra fit-triq (ara l-anness skizz a fol 34 tal-atti) u b'karozzi parkeggati fuq in-naha tax-xellug. Bhala konsegwenza "trid izzomm xi naqra lejn in-nofs". Meta kien fl-imsemmija kisra, "sibt il-karozza tal-konvenut ma wicci u l-konvenut dahal go fija" avolja ghamel tentattiv li jiskapolah billi jigbed "ghal fuq il-bankina (ara l-istess skizz imsemmi). Wara l-incident, il-konvenut, oltre li qallu li ma kienx jaf li l-imsemmija triq kienet 'one way', semma ukoll li kien gej mhux mit-triq li tigi mill-Bajja ta' San Gorg izda mid-direzzjoni tad-diskoteka msemmija.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> xehed (fol 50 et seq ibid) li hu kien ghadu kemm hareg mit-triq laterali murija fuq ir-ritratt markat Dok JV1 (fol 54 ibid) liema triq "tinzel minn Paceville (wara li ddur lejn il-lemin) tmur lejn id-Dragonara". Hawnhekk ma kienx ra ebda sinjal fuq it-triq u kien tiela "bil-mod" fuq in-naha proprja tal-istess triq ossija x-xellug. Fi kliemu stess "Ma kien hemm l-ebda tabella li Dragonara Road hija 'one way' cioe tista' tinzel biss ossija "l'hemmhekk" (b'referenza ghat-triq laterali li kien hareg minnha) ma kien hemm ebda tabella li tindika li ma tistax titla l-fuq" u ghamel referenza, in konnessjoni ma dan il-punt, lir-ritratti

a fol 35 u 54 imsemmija di gja) mehudin l-ghada u gimgha wara b'referenza ghal-istess kollizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti li Triq Dragonara fiz-zmien in kwistjoni kienet "a senso unico" bil-konvenut jsuq kontra d-direzzjoni tat-traffiku. F'dawn il-fatti, ma ghandux jkun hemm kontestazzjoni.

Illi, pero', l-istess ma jistax jinghad dwar jekk kienx hemm sinjal tat-traffiku qabel it-triq mit-triq laterali indikata li jindika li traffiku hiereg mill-istess triq laterali ma setax jdur u jsuq lejn il-lemin, izda jiehu d-direzzjoni lejn il-bajja ta' San Gorg. Hawnhekk, il-konvenut sahaq li tali sinjal ma kienx jesisti u in sostenn ta' dan esebixxa l-imsemmija ritratti waqt li l-assigurat tas-socjeta' attrici jsostni l-kuntrarju. In rigward dan il-punt, il-Qorti rat jekk setghetx tistrieh fuq prova jew provi oggettivi u indipendenti mill-partijiet u rat li tali prova tesisti fix-xhieda ta' PS-1492 Joseph Pace, hawn fuq citata. Difatti dan ix-xhud b'mod kategoriku, qal li hemmhekk kien jesisti tali sinjal fil-gurnata tal-incident liema sinjal kien jikkonsisti bi vlegga li tindika li t-traffiku kellu jdur u jinsaq lejn ix-xellug, kontrarjament ghal dak li ghamel il-konvenut. Dan jindika b'mod car li l-konvenut saq il-vettura tieghu b'mod negligenti u b'nuqqas tad-debita attenzjoni oltre kontra r-regolamenti tat-traffiku.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u;

1. tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident in esami minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida d-danni li ma gewx kontestati fis-somma ta' Lm435 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm435 bl-imghax legali mit-3 ta' Marzu 1997 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-konsulti (Lm10) u tal-ittra ufficjali presentata fi Frar 1997 imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg